MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Rikors Numru. 331/1998/1

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 417/97 fl-ismijiet:-**

**Joseph Bellizzi**
**Vs**

**Registratur tal-Qrati**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' Dr. John Bugeja Caruana pprezentat fis-16 ta' Frar 1998 illi permezz tieghu huwa espona:-

Illi bil-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet premessi r-Registratur tal-Qrati gie inibit milli jesegwixxi Mandat ta' Zgumbrament rigwardanti l-fondi 144B u 144C Strada Stretta, Valletta u dan wara li r-rikorrent kien gja ottjena l-hrug tal-Mandat ta' Zgumbrament numru 21/96 fl-ismijiet

"Dr. John Bugeja Caruana -vs- Joseph Attard et" in esekuzzjoni tas-sentenza tal-Bord tal-Kera tat-2 ta' Jannar, 1994 li kienet giet debitament konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju, 1996;

Illi l-Mandat ta' Inibizzjoni kien hareg fuq il-pretiza li kienu qed jigu vjolati d-drittijiet ta' Joseph Bellizzi kif protetti bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar liema materja hemm rikors pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Rikors numru 565/96 fl-ismijiet "Joseph Bellizzi vs Avukat Generali");

Illi dawn il-proceduri kienu gew inizzjati fuq il-pretiza li l-Qorti ta' l-Appell li ggudikat u ddecidiet il-kaz ma kienetx regolarment komposta;

Illi fil-konfront ta' l-esponent il-Mandat ta' Inibizzjoni gie malament ottenut billi ottenut fl-assenza tieghu meta huwa ma kienx parti ghal dawk il-proceduri u meta huwa bhala l-persuna li kien qed jitlob l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Zgumbrament kellu interess evidenti fl-esekuzzjoni tieghu;

Illi bl-Att XXXII ta' l-1997 il-proceduri quddiem il-Qorti ta' l-Appell gew moghtija validita u ghalhekk kull raguni li setghet tezisti biex timpedixxi l-hrug u esekuzzjoni ta' tali mandat issa ma ghadhiex tezisti u l-Qorti ghandha taghti sehh lill-izgumbrament skond il-ligi;

Ghaldaqstant l-esponent talab lil din l-Onorabbli Qorti jghogobha tirrevoka u thassar il-Mandat ta' Inibizzjoni fuq imsemmi;

Rat ir-risposta ta' Joseph Bellizzi pprezentata fl-24 ta' Frar 1998 illi permezz taghha huwa ssottometta:-

1. Illi l-esponenti kien segwa l-Mandat bic-citazzjoni opportuna, u ghalhekk ma kienx hemm raguni ghala kellu jkun hemm ir-revoka tal-mandat in kwestjoni;

2. Illi huwa ghandu kawza kostituzzjonali li kienet qieghda quddiem l-Imhallef Dr. Alberto Magri li kienet differita ghall-4 ta' Marzu 1998;

3. L-emenda li saret fil-Ligi setghet b'xi mod tissana dak li sar hazin, imma ma setghetx tibdel l-ilment kostituzzjonali li s-sentenza li nghatat ma kienetx minn Qorti imwaqqfa skond il-ligi. Tant ma kienetx, li saret emenda. Dan aktar kien isahhah l-argument ta' l-esponenti;

Ghalhekk il-kwestjoni ma kienetx mitmuma;

Rat ir-risposta ta' l-intimat Registratur tal-Qrati pprezentata fil-5 ta' Marzu 1998 illi permezz taghha huwa espona:-

1. Illi quddiem din il-Qorti diversament presjeduta hemm pendenti fl-ismijiet "Joseph Bellizzi vs Registratur tal-Qrati" Citazzjoni numru 250/97/NA, li fiha l-attur qieghed jitlob li din il-Qorti tikkonferma l-Mandat ta' Inibizzjoni u b'hekk tinibixxi lill-konvenut milli jesegwixxi l-Mandat ta' Zgumbrament mill-fond 144B u 144C okkupati mill-attur u dan sakemm tigi definittivament deciza vertenza kostituzzjonali li hemm quddiem il-Qorti;

2. Illi r-rikorrent odjern qieghed issa bir-rikors prezenti jitlob li l-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni jigi revokat u mhassar;

3. Illi dawn iz-zewg processi jirrigwardaw l-ewwel wiehed konferma tal-Mandat ta' Inibizzjoni u l-iehor ir-revoka u tahsir ta' l-istess mandat, u huwa evidenti li dawn iz-zewg processi huma estremament kollegati;

4. Illi kien ikun aktar indikat li r-rikorrent odjern jintervjeni fil-kawza fuq citata pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, pero` gja la darba ghazel li jaghmel il-prezenti rikors, allura l-esponent jissottometti li z-zewg processi precitati jigu mismugha kontestwalment;

5. Illi l-esponent f'din il-kwistjoni kollha jinteressah biss li ma jkollux ordnijiet gudizzjarji konfliggenti b'mod li ma jkunx definit ghalih liema ordni huwa ghandu jesegwixxi;

6. Fl-ahharnett ghal dak li jirrigwarda t-talba maghmula bir-rikors odjern, l-esponent jirrileva, kif gja eccepixxa fl-kawza precitata, li d-dover tieghu huwa li jesegwixxi ordnijiet tal-Qrati minghajr ma jidhol fi kwistjonijiet dwar legalita` u ritwalita` taghhom, u ghalhekk m'ghandux interess;

Rat in-nota tar-rikorrenti pprezentata fl-24 ta' Lulju 1998 li permezz taghha rrinunzja ghat-talba fir-rikors salv l-ispejjez;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Il-procedura odjerna originat mill-fatt illi skond ir-rikorrenti Dr. John Bugeja Caruana huwa gie impedut milli jissokta bl-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Zgumbrament Numru 21/96 minnu mahrug, konsegwenti ghad-decizjoni ottenuta fil-gudizzju fl-ismijiet "Dr. John Bugeja Caruana -vs- Joseph Attard et" moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju 1996;

Dejjem skond ir-rikorrenti dan l-impediment fl-issoktar ta' l-ezekuzzjoni sehh b'rizultat ta' l-akkoljiment ta' talba minn Joseph Bellizzi ghal hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 417/97 li tieghu l-istess rikorrenti qed jitlob ir-revoka;

B'nota intavolata fl-24 ta' Lulju 1998 (fol. 63) ir-rikorrenti odjern irrinunzja ghat-talba pero` zamm ferm il-kap ta' l-ispejjez. Dan ifisser li l-Qorti jkollha tinvesti l-meritu biex tindaga jekk it-talba avvanzata kellhiex fondament;

Jigi osservat illi r-rikorrenti ma adduca l-ebda raguni l-ghala ddecieda *sua sponte* li jcedi l-atti. Jista' jkun pero`

ghaliex induna wara ezami aktar akkurat ta' l-atti processwali illi kien ikun ferm difficli ghalih li t-talba tieghu tircievi favur;

Jirrizulta minn qari attent tal-kontenut tat-talba ghal hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni (fol. 3) illi l-fondi hemm specifikati u ghal liema kien jirreferi l-Mandat ta' Zgumbrament kienu dawk enumerati 144B u 144C. Dawn il-fondi kienu jifformaw il-meritu ta' kawza ohra fl-ismijiet "Anna Vella Zarb et -vs- Adelina armla ta' Joseph Attard et", ukoll deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju 1996;

Invece l-fondi appartenenti lil Dottor John Bugeja Caruana u li ghalihom irrefera r-rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera (Rikors 123B/89) kienu dawk bin-numri 144F u 144G;

*Stricto jure* ghalhekk gjaladarba l-Mandat ta' Inibizzjoni surreferit ma kienx jikkolpixxi dawn il-fondi l-ahhar riferiti ma kien hemm xejn x'izomm lir-rikorrenti milli jipprosegwixxi bl-ezekuzzjoni ta' l-izgumbrament kif minnu rikjest bil-mandat tieghu;

Tant dan hu hekk il-kaz li huwa facilment desumibbli mir-rikors tar-Registratur tal-Qrati intavolat fit-3 ta' Frar 1997 illi r-revoka hemm mitluba minn dan tad-digriet tat-30 ta' Jannar 1997, li laqgha t-talba ta' Joseph Bellizzi ghal hrug tal-mandat ta' inibzzjoni, irrefera esklusivament ghal Mandat ta' Zgumbrament propost minn Anna Vella Zarb u ohrajn izda mhux ukoll ghal Mandat ta' Zgumbrament ta' l-attwali rikorrenti Dr. John Bugeja Caruana. Effettivament dak l-istess rikors tar-Registratur tal-Qrati qatt ma kien innotifikat lill-imsemmi rikorrenti ghax ma kienx hekk necessitat, gusta l-osservazzjoni ta' l-istess Registratur (fol. 32) illi Dottor John Bugeja Caruana m'ghandux, u ma kellux, interess fil-Mandat ta' Inibizzjoni precitat;

Dan kollu jgib bhala konsegwenza illi r-rikorrenti ntavola r-rikors tieghu ghar-revoka tal-mandat appena imsemmi *per inutile.* In vista ta' dan l-ispejjez ghandhom jigu akkollati lilu.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kaz, attiz il-fatt illi l-meritu gie rinunzjat, billi tordna li l-ispejjez tal-procedura intentata mir-rikorrenti ghandhom jigu sopportati interament minnu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------